MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Numru 137/2001

**Il-Pulizija**

**v.**

**Perit Godfrey Vella Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-Perit Godfrey Vella Baldacchino talli nhar it-2 ta' Dicembru 1998 ghall-habta ta' 12.40pm, fl-Gharb, Ghawdex (**1**) insulenta lil John Agius u Joe Felice, lkoll ufficjali pubblici fl-Awtorita` ta' l-Ippjanar, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz [jew] bil-hsieb li jbezzaghhom u jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, f'sit fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex, kif ukoll (**2**) ai termini ta' l-Artikolu 56(1)(d) ta' l-Att **I** ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-izvilupp talli pprova jfixkel lill-istess ufficjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fl-

ezekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom skond il-ligi; l-ewwel qorti kienet mitluba tapplika l-provedimenti kontemplati fl-Artikolu 56(1) ta’ l-Att I ta’ l-1992;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-20 ta’ Gunju 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Godfrey Vella Baldacchino hati skond iz-zewg imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta’ hames mitt lira (Lm 500);

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Perit Godfrey Vella Baldacchino, minnu ppresentat fis-6 ta’ Lulju 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-deposizzjonijiet moghtija quddiem din il-Qorti diversament presjeduta; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta’ Jannar, 2003; ikkunsidrat:

Qabel xejn din il-Qorti tippreciza li dina l-kawza, kemm quddiem il-Qorti Inferjuri kif ukoll quddiem din il-Qorti (jigifieri fi stadju ta’ appell) kienet qed tinstema’ kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Charles Attard*** (Appell nru. 136/2001) u dana peress li l-imputazzjonijiet kemm kontra l-Perit Vella Baldacchino kif ukoll kontra Charles Attard huma bbazati fuq l-istess incident, u x-xhieda tal-prosekuzzjoni huma l-istess fiz-zewg kawzi.

L-ewwel qorti sabet lill-Godfrey Vella Baldacchino hati kemm tar-reat ta’ oltragg kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll tar-reat specjali kontemplat fl-Artikolu 56(1)(d) ta’ dak li llum huwa l-Kap. 356 (l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp).

L-appellant ghandu, bazikament zewg aggravji.

L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin u zbaljat tal-provi li kellha quddiemha. L-appellant jikkontendi li huwa ma insolenta jew hedded lil hadd mill-ufficjali ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar li, fil-gurnata, fil-hin u fil-post indikati fl-imputazzjoni kienu

qed iwettqu xoghol ta' demolizzjoni ta' parti minn bini. Jghid li kien hemm hafna inkonsistenzi u "konflitti" fid-deposizzjonijiet moghtija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, u jilmenta b'mod partikolari li, skond hu, ebda wiehed minn dawn ix-xhieda ma qal li hu qal il-kliem, riportat fis-sentenza ta' l-ewwel qorti, "Ja korrott, insibek Malta u noqtlok". Jghid li f'dak li huwa qal lil dawn l-ufficjali kien nieqes l-*animus injuriandi* u li dak li qal qalulhom, se mai, *animus reclamandi*.

It-tieni aggravju hu li, fi kwalunkwe kaz, huwa qatt ma seta' jinstab hati skond l-Artikolu 56(1)(d) tal-Kap. 356 ghax bl-intervent tieghu (u ta' Charles Attard) hu ma fixkel bl-ebda mod lill-ufficjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom stante li dawn kienu diga wettqu xogholhom meta hu tfacca fuq is-sit in kwistjoni.

Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel qorti. Din il-Qorti tintervjeni biss jekk tkun tal-fehma li dik il-qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti, ghalhekk, ezaminat bl-akbar reqqa u b'hafna pacenzja, id-deposizzjonijiet kollha, deposizzjonijiet li, sfortunatament, thallew jiddevjaw – specjalment in kontro-ezami da parti tad-difensuri ta' Vella Baldacchino u ta' Attard – f'hafna affarijiet irrelevanti. Ghandu jigi precizat ukoll li l-imputazzjoni kontra l-appellant odjern kienet li huwa <u>insulenta</u> (ossia igurja) lil Agius u lil Felice <u>u mhux li heddidhom</u>. Issa, ix-xhieda kwazi kollha tal-prosekuzzjoni tista' tghid li semghu kliem ingurjuz dirett lejn xi wiehed jew aktar mill-ufficjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. S'intendi, f'incident li dam aktar minn kwarta, kulhadd jisma' ftit minn kollox, u wiehed m'ghandux jippretendi li kullma jisma' wiehed ser ikun korroborat, kelma b'kelma u minuta b'minuta, minn xi xhud iehor. L-incidenti movimentati, bhalma kien dak meritu ta' dana l-appell, ma jistghux jitkejlu la bir-rutella u anqas bil-kronometru. L-appellant jichad li hu qal xi kliem ingurjuz, u jghid ukoll li forsi minn kien qed jisimghu immisinterpreta dak li sema'. Din il-Qorti, pero`, hi tal-

fehma li, a bazi tal-provi li l-ewwel qorti kellha quddiemha, hija setghet tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha ghar-rigward ta' l-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Hekk, per ezempju, is-Surgent tal-Pulizija 567 Bajada jghid li huwa sema lill-appellant jghid lil Agius "Buffu, issibu liz-zghir ghax kontu tafu li qed Malta" (fol. 95). Ix-xhud Joe Felice wkoll jghid li l-appellant beda jgahjjat u jghajjar "buffu u mhux buffu" (fol. 109). Dan ix-xhud, a propositu, jippreciza li kien Attard, u mhux l-appellant, li qallu "Issa nsibek Malta u noqtlok". Hekk ukoll Carl Scerri (fol. 120 *et seq.*) jikkonferma li l-appellant kemm il-darba qal "Buffu, issibu liz-zghir ghax kontu tafu li jien qieghed Malta" (fol. 121). L-istess haga jghid ix-xhud Mark Cini (fol. 136 u 138). Din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li dan il-kliem ingurjuz inghad mill-appellant fil-konfront ta' l-ufficjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kemm *de visu* kif ukoll *officio durante vel contemplatione officii* (***Il-Pulizija v. Amante Camilleri***, App. Krim. 17/10/1997). Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, id-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija maghmula mill-ewwel qorti ser tigi konfermata.

Kwantu ghat-tieni aggravju, din il-Qorti tara li dana huwa fondat u l-appell ghandu jintlaqa' f'dan ir-rigward. Il-parti relevanti tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 56 tal-Kap. 356 kienet (qabel l-emendi introdotti bl-Att XXI tas-sena 2001) taqra hekk:

**Kull min…izomm, jostakola jew xort'ohra jfixkel, jew jipprova jzomm, jostakola jew ifixkel, xi ufficjal jew impjegat ta' l-Awtorita`, jew [xi] ufficjal tal-pulizija, <u>fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu taht il-ligi</u>…** (sottolinear tal-Qorti).

Kif inghad, l-appellant jikkontendi li meta tfacca huwa u Attard, id-demolozzjoni li kienu marru biex iwettqu l-ufficjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienet effettivament diga saret. Din il-Qorti taqbel ma' l-appellant. Kif xehed bi precizjoni ix-xhud John Agius (fol. 160), korroborat minn xhieda ohra, ix-xoghol ta' demolizzjoni kien tlesta u kien ghad baqa' biss il-gallerija li pero` ma kellhomx l-ghodda biex jaqtghuha. Dak li hin li tfaccaw l-appellant u Attard

kullma kien qed isir kien it-tnehhija tal-materjal li kien twaqqa', jigifieri t-tindif tal-post.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah; thassarha u tirrevokha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' hames mitt lira, u minflok tikkundannah multa ta' mitt lira (Lm100), konvertibbli f'ghoxrin gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------